MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 1214/2010

**Monica Fenech, Mandy Fenech, Alodie Fenech, Karsten Fenech u Nevis Fenech**

**vs**

**Dr. Mark Busuttil u P.L. Veronica Rossignaud gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti Mario Fenech b'digriet tal-31 ta' Jannar 2011, Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-atturi tat-23 ta' Novembru 2010 li jghid hekk:

1. Illi r-rikorrenti Monica Fenech hi mart l-assenti Mario Fenech, filwaqt li r-rikorrenti l-ohrajn huma ulied l-istess Mario Fenech, u ghalhekk huma l-eredi skond il-ligi tal-imsemmi assenti;

2. Illi fis-26 ta' Novembru 1998, Mario Fenech miet f'disgrazzja li sehhet fuq il-bahar bejn Malta u Sqallija, u ilu nieqes minn dik id-data sal-lum;

3. Illi minn dakinhar sal-lum l-esponenti ma semghu l-ebda ahbar dwar l-imsemmi Mario Fenech nonostante li issa ghaddew aktar minn ghaxar snin mid-data tal-incident, u ghalhekk Mario Fenech huwa prezunt mejjet;

4. Illi pero d-Direttur tar-Registru Pubbliku qed jirrifjuta li johrog certifikat tal-mewt prevja ordni minn din l-Onorabbli Qorti;

Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jogghobha:

i. Tiddikjara illi l-assenza tal-intimat Mario Fenech minn dawn il-gzejjer ilha tippersisti ghal zmien ta' ghaxar snin kontinwi mid-data tal-ahhar ahbar dwaru;

ii. Tiddikjara ghalhekk illi l-intimat Mario Fenech huwa prezunt mejjet;

iii. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex johrog certifikat tal-mewt ta' Mario Fenech;

iv. Takkorda lir-rikorrenti d-dhul fil-pussess assolut fil-beni tal-assenti u l-ezercizzju assolut tal-jeddijiet li jiddependu mill-mewt tal-assenti;

v. Tiddikjara mahlula l-garanziji, u li ma ghandhomx isehhu l-kawtieli l-ohra li setghu gew ordnati fil-konfront tar-rikorrenti tul dawn l-ahhar ghax snin;

Bl-ispejjez kontra l-intimati ngunti minn issa ghas-subizzjoni;

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li tghid hekk:

1. Illi din ir-risposta guramenta qeghda ssir in osservanza mad-digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti fit-8 ta' Frar 2011;

2. Illi *in limine litis* jigi eccepit in-nuqqas ta' kompetenza ratione materiae ta' din l-Onorabbli Qorti sabiex taqta' u tiddeciedi t-talbiet tar-rikorrenti stante li hekk kif kalendat fl-artikolu 5(a) tal-Ordni dwar it-Twaqqif ta' Sezzjonijiet tal-Qrati Civili (Legislazzjoni Sussidjarja 12.19) kwistjonijiet pertinenti t-Titolu VII ta' l-Ewwel Ktieb tal-Kap. 16 tal-Ligjiet ta' Malta li jirregola l-Persuni Assenti ghandhom jigu ntavolati quddiem il-Qorti Civili Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja u mhux quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jissottolinea li sabiex tintlaqa' t-tielet talba kif dedotta mir-rikorrenti huwa mehtieg skond l-artikolu 299 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jigi muri dan li gej:

a. Li l-assenza ta' Mario Fenech baqghet tkompli ghal zmien ta' sitt snin wara d-dhul fil-pussess provvizorju ta' hwejjeg l-assenti Mario Fenech ai termini tal-artikoli 208 *et sequitur* tal-Kap. 16 tal-Ligjijet ta' Malta jew alternattivament, l-assenza tal-imsemmi Mario Fenech tkun giet iddikjarata permezz ta' sentenza kif provdut taht l-artikolu 223 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. Li l-assenti Mario Fenech ma kienx ingaggat u jservi f'xi armata ta' pajjiz barrani a tenur tal-artikolu 235 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta; u

c. Li r-rikorrenti sa fejn jafu ghandhom jispecifkaw il-partikolaritajiet kollha li hemm imnizzla fl-artikolu 301 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex dawn jigu inseriti fic-certifkat tal-mewt tal-assenti kif jiddisponi l-artikolu 299(2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi, dejjem minghajr pregudizzju ghal-fuq premess, l-esponent jiddikjara li huwa assolutament mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat in disamina u ghalhekk ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz

inkwistjoni huwa qieghed umilment jirrimetti ruhu ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

Daqstant ghandu x'jissottometti l-esponenti f'dan l-istadju ghas-savju w ulterjuri gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li tghid hekk:

Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qeghdin jirriservaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata f'kaz u jekk jigu edotti mill-fatti;

Salv risposta ulterjuri;

Rat id-digriet tal-Qorti tal-24 ta' Marzu 2011 fejn fuq talba tal-atturi tnehhew il-kliem "u dan kif kontemplat fl-artikolu 223 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta" mill-ewwel talba taghhom;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet rigward l-ewwel eccezzjoni preliminari mressqa mid-Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni tal-inkompetenza ta' din il-Qorti ratione materiae ghal-4 ta' Ottubru 2011;

**Ikkunsidrat**

Illi minn ezami tal-premessi u l-ewwel zewg talbiet tal-atturi jidher car illi l-kawza hi in parte dikjaratorja biex il-Qorti tippronunzja l-mewt ta' Mario Fenech billi ilu nieqes minn dawn il-gzejjer ghal zmien ta' ghaxar snin kontinwi mid-data tal-ahhar ahbar dwaru.

Din il-kawza hi msejsa fuq t-Titolu VII ta' Ktieb I tal-Kap. 16, cioe dak intitolat dwar l-assenti. Qari tal-premessi tal-atturi juru illi huma qed jibbazaw it-talba taghhom fuq l-artikolu 223 tal-Kap. 16 li jghid hekk:

**223.** Jekk l-assenza tissokta għal żmien ta’ sitt snin wara d-dħul fil-pussess provviżorju, jew jekk b’rikors ġuramentat li jkun ġie ppreżentata mill-werrieta b’testment jew mill-werrieta bil-liġi talassenti quddiem il-qorti kompetenti tal-gżira li fiha l-assenti kien joqgħod l-aħħar kontra l-kuraturi nominati mill-imsemmija qorti dik l-assenza tkun ġiet dikjarata b’sentenza li tkun damet għal żmien ta’ għaxar snin kontinwi mid-data tal-aħħar aħbar dwar lassenti, il-qorti kompetenti għandha, fuq it-talba ta’ min ikollu interess, tagħti, b’digriet, id-dħul fil-pussess assolut fil-beni talassenti u l-eżerċizzju assolut tal-jeddijiet li jiddependu mill-mewt tal-assenti, u tiddikjara maħlula l-garanziji, u li ma għandhomx iseħħu l-kawtieli l-oħra li setgħu jkunu ġew ordnati:

Iżda jekk l-assenti jkun minuri, iż-żmien li matulu ma jkunx baqa’ jidher stabbilit taħt dan l-artikolu għandu jibda jgħodd millġurnata li fiha dik il-persuna kienet tilħaq l-età maġġuri.

Il-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku qed jopponi li din il-vertenza tinstema’ quddiem il-Prim’Awla Qorti Civili w in sostenn ta’ dan qed jiccita l-iskeda tal-Avviz Legali 397/2003 kif mizjud bl-Avviz Legali 9/2004 dwar it-Twaqqif tas-Sezzjonijiet tal-Qrati Civili. Il-Qrati Civili skond din l-iskeda huma maqsuma fi tlieta, cioe il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) liema Qorti li giet assenjata kompetenzi specifici u tisma’ <u>kawzi</u> kif jidher mill-artikolu 4 tal-istess skeda, il-Qorti Civili (Sezzjoni Volontarja) li giet assenjata l-kompetenza li tisma’ <u>rikorsi</u> li ghandhom x’jaqsmu fost ohrajn ma dak li jinstab fl-Ewwel Ktieb, Titolu III, V, VI, u VII tal-Kodici Civili. Il-Prim’Awla giet assenjata l-<u>kawzi</u> kollha li ma jaqghux fil-kompetenza specifika tal-Qorti tal-Familja u dik ta’ Gurisdizzjoni Volontarja.

Qari ta’ din l-iskeda juri illi l-kompetenza generali baqghet fdata lil Prim’Awla pero z-zewg Qrati l-ohra Civili gew arrogati mansjonijiet specifici u ghalhekk esklussivi ghalihom.

L-artikolu 223 tal-Kap. 16 li fuqu hi minsuga l-kawza tinsab fit-Titolu VII tal-Ktieb I tal-Kapitolu 16 u kwindi prima

facie taqa’ fil-kompetenza esklussiva tal-Qorti ta’ Gurisdizzjoni Volontarja, u mhux dik tal-Prim’Awla.

L-atturi huma tal-fehma illi l-gurisdizzjoni xorta hi tal-Prim’Awla billi dan l-artikolu jghid li l-pretensjoni li l-assenti ilu nieqes mill-gzejjer ghal ghaxar snin mhux interotta trid tigi mressqa b’rikors guramentat u illi l-Qorti trid tiddeciedi dwar dan billi taghti sentenza in materja. Il-Qorti ta’ Gurisdizzjoni Volontarja ma taghtix sentenzi u lanqas jitressqu atti quddiemha b’rikors guramentat.

Il-Qorti taqbel illi l-Qorti ta’ Gurisdizzjoni Volontarja ma taghtix sentenzi izda digrieti w illi l-proceduri normali fil-Qorti ta’ Gurisdizzjoni Volontarja hi permezz ta’ rikors. Id-dicitura fl-artikolu 223 minn dejjem kienet tghid ’citazzjoni’ u bl-emendi tal-Att 22/2005 il-kelma ’citazzjoni’ inbidlet ma ’rikors guramentat’ u dan meta kienu gia ghaddew l-emendi bl-Avviz Legali 397/2003 kif fuq spjegat.

Din il-Qorti ma tara ebda inkonsistenza bejn dak li jinghad fl-iskeda tal-Avviz Legali 397/2003 ma’ dak li jinstab fl-artikolu 223. l-kompetenza esklussiva li l-Qorti Civili bhala Qorti ta’ Gurisdizzjoni Volontarja nghatat fl-iskeda fuq imsemmija tirrigwarda ’rikorsi’ mhux ’rikorsi guramentati’ cioe kawzi kif jinsab esplicitament imsemmi fil-kompetenzi moghtija lil Qorti Civili fil-vesti ta’ Qorti tal-Familja u dak tal-Prim’Awla kif hemm miktub car fl-istess skeda (ara artikoli 4 u 6). Ghalhekk ghalkemm il-legislatur ghogbu jiddistingwi bejn kompetenza fid-diversi sezzjonijiet tal-Qorti Civili, meta elenka l-kompetenza tal-Qorti ta’ Gurisdizzjoni Volontarja llimitaha ghal ’rikorsi’ li jistghu jemanaw fost ohrajn mit-Titou VII tal-Ktieb I tal-Kodici Civili. Dan jeskludi kull kwistjoni ohra emanenti mill-istess Ktieb I li jaqghu fil-kompetenza tal-Qorti ta’ Gurisdizzjoni Volontarja li jridu jsiru bi procedura diversa minn semplici rikors bhal f’dan il-kaz ’rikors guramentat’. Il-kelma tal-ligi hi cara ghax l-emenda tal-kelma ’citazzjoni’ kif kienet qabel l-Att 22/2005 ghal kelma ’rikors guramentat’ saret wara l-Avviz Legali 397/2003 fejn gew segregati s-sezzjonijiet differenti fil-Prim’Awla. Inoltre ghalkemm jista’ jigi objettat illi ma hemm xejn x’jeskludi li rikors prezentat quddiem il-Qorti ta’ Gurisdizzjoni Volontarja ssir f’forma

guramentata billi l-invers biss igib in-nullita ta' att (artikolu 164(1) tal-Kapitolu 12) pero ma hemm ebda mod kif jista' jigi gustifikat illi l-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja taghti sentenza kif irid l-ewwel parti tal-artikolu 223 tal-Kap. 16 u dan biex tipprevali s-sottomissjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li pretensjoni taht l-Ewwel Ktieb tal-Kodici Civili trid tigi mressqa quddiem il-Qorti Civili Gurisdizzjoni Volontarja.

Madankollu l-Qorti tqis li hemm lok ghal tibdil f'dan l-artikolu ta' ligi billi ghall-ispeditezza w uniformita tal-gudizzju u ghal finijiet ta' spejjez tkun aktar opportun illi talba bhal din in kwistjoni ssir mill-ewwel quddiem il-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja pero biex dan isehh trid titnehha l-kelma sentenza u tigi sostitwita b'digriet. Dan jinghad billi l-istess artikolu 223 tal-Kodici Civili hu maqsum fi tnejn fl-ewwel parti li titratta d-dikjarazzjoni tal-assenza ghal aktar minn ghaxar snin u t-tieni parti li titratta esklussivament il-pusses assolut tal-proprjeta tad-decuius liema parti tal-imsemmi artikolu ghadu mhux jigi investigat f'din il-fazi tal-proceduri.

Ghalhekk ghal dawn ir-ragunijiet, qed tichad l-eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku rigward in-nuqqas ta’ gurisdizzjoni ta’ din il-Qorti, biex tiddeciedi dwar l-ewwel zewg talbiet attrici, bl-ispejjez kontra l-istess Direttur tar-Registru Pubbliku.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------